MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 26

22 ta' Marzu 2017

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd minn dawk li kellhom ikunu preżenti għall-laqgħa kien fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sinjuri Debono u Mangion li kienu ghadhom ma waslux.

## 26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

26.1.1 Ma kienx hemm ittri ta'apologiji.

## 26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

26.2.1 Il-minuti ġew approvati.

Sospensjoni sabiex jitkellem Dr. Paul Pace. Dr. Pace tkellem fuq l-iżvilupp sostenibbli u l-Local Agenda 21. Hu qal li l-għan hu li jipprovdi mezz kif isir *training* fuq is-saħħa u l-ħiliet fil-lokalità pprovduti mill-Universita' permezz taċ-Ċentru CEER.

*CEER's role is to promote environmental education and research in the Euro-Med region by seeking to catalyse change towards a sustainable society. It endeavours to offer opportunities for environmental education to empower citizens to actively participate in environmental decision making fora and in initiatives that promote a good quality of life for all. CEER offers a hub that co-ordinates environmental education initiatives, increases the opportunity for environmental education research, makes scientific and technological research results more accessible and facilitates resource transfer and capacity building in Malta and the Euro-Med region.*

Is-Sur Alex Mangion daħal f'dan il-mument (5.14 ta' filgħaxija).

Is-Sur Cordina qal ukoll li f'Mejju se ssir il-laqgħa annwali tar-Reġjun u se jkellimhom sabiex Dr. Pace ikun mistieden biex jitkellem.

Is-Sur John Debono daħal f'dan il-mument (5.17 ta' filgħaxija).

Għaldaqstant is-Sur Spiteri saqsa x'jista' jsir min-naħa tal-Kunsill?

Il-Kunsill se jikkopera sabiex isiru dawn il-korsijiet u se jkun hemm *item* fuq l-Agenda sabiex jiġi diskuss dan is-suġġett biss.

## 26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

26.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li:
Saret laqgħa TM u ntbagħtet stima fejn il-Kunsill ġie mitlub iħallas €15,000 minn stima globali ta' €60,000 barra sinjali tat-toroq u tabelli.

Hu qal li l-Iklin ma ħarġux *penny* u ma jarax għalfejn Ħ'Attard għandu joħrog. Se tintalab laqgħa oħra.

Is-Sur Cassar qal li din hi l-istess storja bħal ta' San Ġiljan fejn saru il-festeġġjamenti ta' St. Patrick's u wara l-Kunsill kellu jinfoq balla ewro biex inaddaf. Qal li l-Korporazzjoni għandha flus fejn trid.

26.3.2 It-talbiet għand TM u l-approvazzjoni tagħhom reggħu waqgħu lura.

26.3.3 Qed jitlob approvazzjoni sabiex isiru *spot lights* maz-*Zebra Crossings* li jservu 8 siegħat u jiswew €177. Il-kwotazzjoni ġiet aċċettata. Is-SE qalet li se jsiru numru skond l-ammont ta' flus disponibbli u skond ir-regoli tal-*procurement.*

26.3.4 Triq il-Qarsajja qed isir tfiegħ ta' skart ta' kull tip u l-Kunsill qed jeħel flus żejda biex inaddaf. Se jittieħdu miżuri biex dan ma jibqax iseħħ fosthom li tinġabar miżata għal kull permess ta' krejn li tingħata lura kif ix-xogħol ikun lest.

26.3.5 Residenti fi Triq il-Gradilja talbu biex titneħħa l-i*sleeping policeman.* Ġiet approvata li titneħħa imma mhux se terġa ssir anka jekk tintalab minn kulħadd.

26.3.6 Ġiet riċevuta korrispondenza mill-Majjistral u mid-Dipartiment fejn id-Dipartiment kwota li jekk il-Kunsill għandu riżervi m'għandux jidħol għall-ispiża. Il-Kunsill qabel li dan il-kont ta' €4500 ma jitħallasx.

26.3.7 Ġiet riċevuta e-mail mingħand Famalco sabiex jintalab permess biex tiġi użata l-area tal-monti. Dan il-permess ġie miċħud.

26.3.8 Tenders li ġew sottomessi huma kif gej;
Patching – Waħda
Insurance – Tnejn
Sinjali tat-Toroq – Tnejn

Il-Bord kien kompost minn Marisa Abela, Ralph Cassar u Connie Scerri.
Ic-Chairman kien is-Sur Stefan Cordina.

Il-Kunsill unanimament qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u għandu jiffinalizża l-Evalwazzjoni b'dan il-mod: tal-Patching għandha terġa tinħareg u li jintgħazlu l-irħas fost it-tnejn l-oħra. Fil-laqgħa li jmiss is-SE tinforma l-Kunsill min huma l-Kuntratturi li ħadu t-Tenders għall-erba' snin li ġejjin.

26.3.9 Ittra fuq rifużjoni ta' spejjeż ta' *tyre*. Jekk jinstab li dan hu minnu xorta hu tal-parir li ma jingħatawx l-ispejjeż kollha tat-*tyre* minħabba li dan ma setgħax kien ġdid fjamant fil-mument tal-aċċident. Kulħadd qabel.

## 26.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

26.4.1 Is-Sur Marco Spiteri staqsa fuq:
- Storbju fl-Industrial Estate u jekk jistax isir xi ħaga

26.4.2 Is-Sur Alfred Zammit staqsa fuq
- Siġra quddiem il-G&G Supermarket biex tinżabar.

26.4.3 Is-Sur Ralph Cassar staqsa fuq:
- Il-ħażna ta' kimika biex issir iktar pressjoni

- Il-vandaliżmu tas-siġar fl-area tal-Housing Estate. Dawn ħa jinbidlu.
- Is-Sigar li mietu fi Triq Birkirkara u Triq Frans Dingli. Dawn ħa jinbidlu.
- Is-sinjal fi Pjazzetta Sant'Anna. Lest u mibdul.
- Il-fikus fi Gnien l-Istazzjon. Is-Sur Debono qal li ġiet ikkurata imma għadha ma ħaditx ir-ruħ.
- Fuq l-atleti li telgħin Elancourt. Is-Sur Bartolo qed jieħu ħsieb il-korrispondenza ma' Elancourt.

26.4.4 Is-Sur John Debono staqsa fuq:

- Is-Solar Farm flok il-barriera ta' Venven PA1549/17. Il-Perit għandu jagħmel rappreżentazzjoni għan-nom tal-Kunsill u r-residenti mħeġġa jagħmlu dan ukoll għaliex jista' jagħti l-każ li din l-applikazzjoni tkun biss *stepping stone* għall-affarijiet ikbar.

26.4.5 Is-Sur Raymond Azzopardi staqsa fuq:

- Fuq iż-żebra crossing fi Triq il-Mosta. Din għandha titressaq iktar l-isfel u jsirulha tlett settijiet ta' dawl
- Wire tal-azzar imdendel fi Triq il-Mosta.

26.4.6 Is-Sinjura Connie Scerri staqsiet fuq:

- Is-Sundial. Din l-applikazzjoni ma ġietx approvata.
- Kun Prudenti għal Triq il-Mosta
- Tours li mħajjra tagħmel il-Wasteserv u l-Heritage.
- Li titneħħa l-*bicycle rack* fi Triq l-Imdina. Is-Sur Cassar oġġezzjona.
- Li l-Parks Department ħa jtuna xi siġar
- U li s-siġar li nżergħu qed jarmu u jtellgħu il-ġdid.

## 26.5 Rapporti

26.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 26.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

26.6.1 Approvati

## 26.7 Mozzjonijiet; u

26.7.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 26.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

26.8.1 Il-laqgħa intemmet fis-6.30pm u ġiet aġġornata għall-25 t'April 2017 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 25 t'April 2017.

| | |
|---|---|
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |